**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana**

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 8**

**6 ta' Lulju 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 8.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

8.1.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tat-8 ta' Gunju 2017.

### 8.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

Mis-Sindku Saviour Borg:

8.2.1 Saret il-manutenzjoni tal-bandla li hemm fil-'playing field' u fil-festa sar vandaliżmu lit-*tunnel*. Is-Sur Horace Micallef irrimarka li l-bandla għadha titbandal jew reġgħat inkissret kif ukoll li t-*tunnel* fih diversi viti u huwa ta' periklu. Is-Sindku nforma lill-membri li din ġiet *welded* minn Chris Gauci. Il-Kunsillier Mario Mercieca ssuġġerixxa li jitwaħħlu s-*security cameras* sabiex titnaqqas il-possibilta' ta' vandaliżmu. Il-membri qablu li għandna niġbru kwotazzjonijiet sabiex jitwaħħlu żewġ *security cameras* fiż-żona.

8.2.2 Saret laqgħa mall-Perit Toni Bezzina flimkien mas-Segretarja u l-kuntrattur dwar il-*patching* ta' triq il-Kappillan Hili u dwar it-tkomplija tal-aħħar 35 metru ta' Triq John Gaspard Le Merchant. Is-Sindku semma li rridu nixtru l-materjal għaż-*zebra crossing* u max-xogħol issir ukoll it-trinka minn fejn iridu jgħaddu l-*wires* sabiex nevitaw li terġa' titqatta' aktar il-quddiem. Is-Sur Micallef staqsa jekk kienx ħareġ il-permess għaż-*zebra crossing* u ġie nfurmat mis-Sindku u mis-Sur Mercieca li din kienet għaddiet mil-laqgħa u li suppost li l-permess kien intalab fi żmien l-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Ivan Attard. Il-Kunsillier Micallef fakkar li tajjeb li tintbagħat notifika lir-residenti ta' Triq il-Kappillan Hili sabiex jitneħħew il-karozzi. Is-Sindku nfurma lill-membri li x-xogħol hu maħsub li jibda fis-17 ta' Lulju u ma għandhux idum aktar minn jumejn. Is-Segretarja rrimarkat li fit-tender ma hemmx referenza għal min hu responsabbli għal *Traffic Management*.

8.2.3 Is-Sindku nforma l-membri li hemm 32 persuna li bbukjaw għall-ġita ta' Sqallija. Wara diskussjoni li kellu mas-sur Mario Spiteri, il-prezz ġie mniżżel għal €290 u li l-membri tal-kunsill ser jattendu mingħajr ħlas. It-transport, bħas-snin l-imgħoddija ser ikun provdut mill-kunsill.

8.2.4 Fakkar sabiex nibgħatu tfakkira dwar it-talba tagħna għad-Devoluzzjoni tal-Għejjun, sabiex naraw fejn waslet peress li sa issa ma rċevejna l-ebda risposta.

8.2.5 It-Tabella dwar it-tindif tal-ħmieġ tal-klieb twahhlet fi Triq ta' Mulejja.

8.2.6 Is-Sindku nforma lill-membri li jidher li hemm problema biex jaslu l-*bins* li ordnanjna fil-ħin, jiġifieri sa' Awwissu. Għalhekk, talab biex niċċekkjaw jekk hemmx il-possibilta' li nġibu l-approvazzjoni sabiex nestendu sal-aħħar ta' Awwissu jew inkella nordnawhom minn xi mkien ieħor biex ma nitilfux il-fondi tal-WasteServ.

8.2.7 Hemm kontijiet pendenti li huma dovuti lilna mill-WSC ta' permessi antiki li inħarġu mill-kunsill mingħajr ma sar ħlas mill-WSC u għalhekk qed jissuġġerixxi li nibgħatulhom bl-avukat. Żied jgħid li suppost barra dawn, għandhom jtuna wkoll tal-patching. Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa li l-ewwel nerġgħu nikkuntatjaw liċ-Chairman u wara lill-Ministru konċernat. Il-membri qablu li niktbulhom ittra legali.

8.2.8 Iridu jinxtraw żewġ tappieri għat-toqob tan-nar tal-art li saru fi Triq ta' Mulejja quddiem il-kunsill.

8.2.9 Is-Sindku rrimarka li għadna ma rċivejniex risposta mid-DLG dwar kif ghandna naġixxu fuq il-Contract Agreement tal-Organic għas-sena 2016.

8.2.10 Kien ġie approvat mill-kunsill sabiex jiġi skedat ix-Xelter ta' Pjazza l-Għejjun mill-PA u l-area tal-madwar biex tiġi reġistrata mill-gvern biex din l-art ma tintilifx. Huwa qal li dan għadu ma sarx.

8.2.11 Hemm talba sabiex fi Triq il-Ghajn, kantuniera ta' Triq il-Qalb ta' Gesu, tinbidel iż-żebgħa ta' ma' l-art minn 'Give Way' ghal ' Stop Sign'. Il-membri qablu li nressqu t-talba lil TM sabiex naraw jekk din hiex possibli.

8.2.12 Ġie nfurmat minn Chris Gauci li hemm bżonn jinbidlu erba' (4) floodlights tal-Kampnar u jiswew 100 Euro il-wieħed peress li dawn ma jissewwewx. Il-membri qablu li jinbidlu. Żied jgħid ukoll li hemm bżonn jinbidlu x-xtieli li hemm ftit l-isfel mill-knisja, ħdejn ir-*railing*.

8.2.13 Informa l-membri li attenda għal-laqgħa tar-Reġjun t'Għawdex.

8.2.14 Is-Sindku rrimarka li hemm bżonn ukoll li nixtru bollard oħra u 4 *reflectors* ghal 'Bollards'tan-naħa tal-Għajn il-Kbira peress li l-porfido qed jittabba biż-żejt tat-trakkijiet.

8.2.15 Ressaq it-talba tas-Sinjura Carmela Cordina li toqgħod, 31, Triq il-Għajn, sabiex isiru l-linji sofor mal-ġnub tal-garaxx peress li ilmentat li mhix tkun tista' taċċessa l-propjeta' tagħha. Il-membri qablu li għandu jintalab il-permess lil TM sabiex isiru l-linji sofor maż-żewġ naħat tal-garaxx ta' din l-istess propjeta'.

8.2.16 Is-Sindku nforma lil membri li l-knisja applikat sabiex iz-zuntier isir bit-Treventine pero l-Perit ma huwiex tal-parir li nibdlu l-applikazzjoni tagħna għat-Treventine. Il-membri qablu li l-applikazzjoni tagħna għandha tibqa' għal Porfido. Is-Sindku qal li ser jiltaqa' mal-perit biex jitkompla x-xogħol peress li waqa' l-appell tal-Gozo Concrete Products. Is-

Sur Micallef fakkar li tajjeb li jinżebah bil-liquid membrane qabel ix-xitwa ħalli jiġi protett mill-ilmijiet. Is-Sindku rrimarka li dan ilu miftiehem li għandu jsir, u ħa jerġa' jkellem lill-Perit sabiex dan ix-xogħol isir kemm jista' jkun malajr.

8.2.17 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar l-armar tan-nar pirotekniku li jinsab mitluq fi Triq ta' Mulejja. Talab li jsir rapport lill-Pulizija għaliex dawn jistgħu jkunu ta' periklu għall-Pubbliku. Hu qal li l-festa ilha li għaddiet 3 ġimgħat.

8.2.18 Saret l-attivita' "Għad-Dell tal-Għajn tal-Ħasselin" imtellgħa mill-kunsill tal-Kultura għal Għawdex bil-kollaborazzjoni tal-kunsill lokali. Ħadu sehem diversi kantanti, qari ta' poeżiji mill-Kav. Joe M. Attard kif ukoll wirja ta' tieġ tradizzjonali Malti mill-Grupp Folkloristiku Astra. Attendew is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.

8.2.19 Ġiet ippublikata l-24 ħarġa tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek" fl-okkażjoni tal-Festa Titulari. Din ġiet imqassma f'kull residenza tal-Fontana.

8.2.20 Sar il-*feature* mtellgħa mill-kunsill lokali lejliet il-Festa Titulari qabel il-ħruq tal-logħob tan-nar tal-art. Dan sar bl-għajnuna tal-kumitat Festi Esterni. Dan kien dwar il-Festa u l-knisja parrokjali.

8.2.21 Is-Sindku u l-kunsilliera Horace Micallef, Carmel Farrugia u Mario Mercieca attendew għall-Pontifikal fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qalb Mqaddsa ta' Ġesu'. Wara, is-Sindku u l-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia qassmu 22 ikla fl-okkażjoni tal-festa lil dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom.

**Mill-Kunsillier Mario Mercieca**

Ressaq l-ilment li għal darba oħra jkun ahjar jekk il-fuljett ma jingħatax lilhom fl-aħħar ġranet sabiex wieħed ikollu ċans jilħaq jarah sew qabel jiġi ppublikat.

## 8.3 Materji Ohra

8.3.1 Qassamna l-avviż fid-djar għall-ħarġa soċjo-kulturali f'Malta nhar il-Ħamis, 13ta' Lulju 2017 għall-Fiera l-Kbira fil-kumpless Monte Kristo f'Ħal-Farruġ

8.3.2 Ġita ta' Jumejn fi Sqallija fit-8 u 9 ta' Lulju. B'kollox se nkunu 32 persuna.

8.3.3 Irċevejna rringrazzjament u l-aċċettazzjoni mingħand is-Sinjura Lucienne Ħaber bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Fontana.

8.3.4 Il-Kunsill ippreżenta l-Printer HP Officejet Pro 8600 flimkien mal-inka rispettiva tagħha għall-użu tal-Paroċċa tal-Qalb ta' Ġesu u tal-komunita' tal-Fontana.

8.3.5 Irċevejna t-talba mill-Kappillan Rev. John Muscat sabiex nagħtu permess għal 'Street Party' il-Ħadd, 18 ta' Ġunju 2017 għal sagħtejn bejn nofsinhar u s-sagħtejn. Il-Kunsill qabel u għalhekk inħareġ il-permess mitlub.

8.3.6 Iltqajt mas-Sinjura Josephine Mifsud li hija Social Mentor mil-Leap centre wara li din żaret l-uffiċċju sabiex tagħtina aktar informazzjoni dwar is-servizzi li joffru.

8.3.7 Bgħatna u ħallasna €50 sabiex nibdlu l-applikazzjoni mal-Planning Authority għax-xogħol li kien maħsub li jsir mill-ġebla tal-qawwi għal porfido.

8.3.8 Irċevejna talba mill-Ministeru għal Għawdex sabiex nidentifikaw post fejn jista jsir 'bicycle stand' għal għaxar roti. Il-Kunsill identifika l-post l-fuq mill-Ghajn ta' Bendu.

8.3.9 Irċevejna l-permess sabiex ikunu jistgħu jinżabru s-siġar tal-ħarrub li qegħdin fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Ser jiġi mqabbad Neville Mercieca. Il-membri talbu li nibgħatu lid-Direttur Proġetti u Żviluppi sabiex tinżabar siġra tal-ħarrub li hemm l-isfel mill-Ghajn il-Kbira fi Triq ix-Xlendi li ħarġet ġo nofs it-triq u sabiex tinkines triq ix-Xlendi.

8.3.10 Tlabt stima lil Gozo Pottery Barn għal żewġ plakki bl-isem 'Fontanella Gardens'. Il-prezz ikkwotat hu dak ta' €65 il-waħda. Il-membri qablu li nibgħatu għal stima oħra lil Alka Ceramics.

8.3.11 Irċevejna l-istimi mingħand tlett 'suppliers' għal komputer ġdid. Il-Viċi-Sindku ra l-kwotazzjonijiet u ta s-suġġeriment tiegħu u għalhekk, l-membri qablu li nixtru l-kompjuter mingħand Techline għall-prezz ta' €425.

8.3.12 Irċevejna t-talba mingħand is-Sinjura Jeanette Attard li toqgħod 'Attard House' Triq Santa Dminka, Victoria, c/w Trejqet il-Ħarrub. Is-Sinjura qiegħda titlob illi jsiru l-linji s-sofor kif ukoll li Trejqet il-Ħarrub issir 'No Entry for heavy vehicles, except to render a service (5 Tonnes)'. Dan sabiex tevita li ssir ħsara lill-propjeta tagħha. Il-membri qablu li l-kunsill ma ghandu l-ebda dritt jzomm l-hadd milli jaccessa l-propjeta tieghu u ghalhekk din it-talba ma tistax tigi milqugha. It-talba ghal-linji s-sofor taqa' fil-konfini tar-Rabat u ghalhekk ghandha tressaq it-talba lill-Kunsill tar-Rabat.

8.3.13 Irċevejna is-somma ta' €300 bħala ħlas għall-użu tas-sala fi żmien l-elezzjoni mill-Kummsisjoni Elettorali.

8.3.14 Twaħħlet wara l-knisja t-tabella 'To clean after your dog' u ġiet ordnata 'n-noticeboard' l-ġdida.

8.3.15 Tlabna għal-laqgħa mal-Hon. Ministru u ingħatajna l-ġurnata tal-21 ta' Lulju 2017 fit-2p.m. Il-kunsillier Mario Mercieca qal li ma jistax jattendi u għalhekk sar qbil li ssir f'ġurnata oħra, possibilment l-għada.

8.3.16 Copies of Petty Cash payments

8.3.17 Se jitqassmu ċertfikat ta' attendenza lil dawk li pparteċipaw fil-kors Għaqal is-Dar u qed tintalab il-parteċipazzjoni tal-kunsill u għalhekk irridu ninfurmawhom jekk hux se jattendi xi ħadd sa' nhar l-Erbgħa 12 ta' Lulju.

8.4.17 It-tender tal-Latrina ġiet ippreparata u ntbagħtet lid-Dipartiment sabiex tiġi vvettjata. Is-Segretarja ressqet xi punti għad-diskussjoni dwar il-*'budget'* allokat għal dan is-servizz u dwar il-*'working arrangements'* u *'duration of contracts.'*

## 8.4 Ħruġ ta' Offerti

8.4.1 Is-Sindku nforma lill-membri li hemm bzonn li noħorġu l-offerta sabiex issir bit-tarmak Triq il-Għajn, bejn Pjazza Sant' Wistin u Triq il-Kappillan Guzepp Hili. Ix-xogħol min-naħa tal-perit huwa lest. Is-Sindku rrimarka li peress li l-WSC minflok għamlet is-servizzi tal-Ilma, bagħtulna kemm ser jiswew biex joħorġu mal-offerta. Għalhekk għandha titniżżel klawsola li l-Kunsill jkollu l-possibilta' li ma jagħmilx is-servizzi tal-ilma jekk dawn isiru kif suppost jiġifieri mill-WSC. Il-Kunsillier Horace Micallef irrimarka li jkun aħjar li nistennew sal-laqgħa ta' mal-Ministru l-ewwel. Il-membri qablu li għandha toħroġ din l-offerta.

## 8.5 Qari ta' Korrispondenza

8.5.1 Avviż dwar il-Premju Nazzjonali 'b'Ħilti Wasalt' li l-Laboratorju tal-Paċi qiegħed jerġa jorganizza għat-tielet sena.

8.5.2 Ġejna nfurmati li se tkun organizzata ċerimonja fejn matulha dawk il-parteċipanti li attendew għall-kors Għaqal id-Dar se jiġu mogħtija ċertifikat ta' attendenza. Din l-attivita' ser tittella it-Tnejn 17 ta' Lulju fis-6.30pm. ġewwa ċ-ċentru Parrokkjali Maria Lauretana, Għajnsielem.

8.5.3 Irċevejna mingħand id-DLG sabiex nimlew il-quarterly reports dwar Kuntratti għall-servizzi ta' kura, sigurta u tindif fil-localita. Dan sabiex jinqagħta x-xogħol prekarjat.

8.5.4 Irċevejna stedina uffiċċjali għat-tnedija tal-'online platform' li ser joffri lezzjonijiet virtwali fuq l-immaniġġjar fis-settur agrikolu. Dan se jsir f'Ħal Qormi nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju fl-10a.m.

8.5.5 Ċirkulari numru 12/2017 dwar 'Post of Senior Operative' mas-Settur Pubbliku u li tagħlaq fl-14ta' Lulju 2017.

8.5.6 Emejl min-'National Commission for the Promotion of Equality' fejn qegħdin jippromwovu direttorju ta' nisa professjonisti f'diversi oqsma.

8.5.7 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex li jinkludu l-aġenda u l-iskeda ta' pagamenti għax xhur Mejju u Ġunju.

8.5.8 Emejl mingħand il-Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Kunsilli Lokali, is-Sur Robert Cutajar fejn permess ta' din l-ittra introduċa ruħu mall-kunsilli kollha u żid jgħid li ser ikun qed joffri li jiltaqa' ma kull kunsill fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom.

8.5.9 Emejl mid-DLG fejn fakkru l-importanza li l-kunsilli jimxu mal-protokoll fir-rigward tal-bandieri li jkunu fl-uffiċċju tal-kunsill.

8.5.10 Irċevejna emejl mill-MEUSAC dwar il-ftuħ ta' żewġ sejħiet minn fondi Ewropew. Waħda bl-isem ta' 'Town Twinning' u oħra ta' 'Network of Towns.'

8.5.11 Korrispondenza mill-'Maltese Olympic Committee' fejn infurmawna li se jkunu qegħdin jospitaw il-'Baton Relay' tar-Reġina f'Settembru li ġej. Għalhekk talbu lill-kunsilli jekk nixtieq].x illi nidħlu fil-programm tagħhom sabiex iżuru l-lokalita tagħna. Din il-vista trid tkun marbuta ma' attivita' oħra li jorganizza l-kunsill.

8.5.12 Emejl mid-DLG bil-Prospectus għas-sena akkademika 2017/2018 kif moħruġ mill-MCAST.

8.5.13 Korrispondenza mibgħuta mill-Kummissjoni għal-Persuni b'Diżabilita' dwar applikazzjonijiet ġodda għas-servizzi li għandhom jingħataw lil klijenti.

8.5.14 Emejl mingħand Galea Curmi dwar il-parteċipazzjoni tal-kunsill fil-'maintenance agreement' tad-dwal. Il-Kunsill infurmhom li ‚hux se jipparteċipa f'dan l-'agreement'.

8.5.15 Referenza għall-PA/04491/17 dwar l-applikazzjoni għal tibdil fil-permess minn 'Ironmonger' għall-'Class 4B Retail'.

8.5.16 Emejl mingħand MEUSAC dwar sejħa finanzjata minn Fondi Ewropej taħt il-Programm tallŻvilupp Rurali għal Malta. 'Investimenti mhux produttivi marbuta mal-ilħuq tal-objettivi agroambjentali u klimatiċi'. Fost dak li jistgħu jsiru taħt din is-sejħa hemm il-bini jew ristawr ta' ħitan tas-sejjieħ.

8.5.17 Stedina mir-Reġjun Għawdex b'kollaborazzjoni ma 'Gozo Development Agency' sabiex nipparteċipaw f'laqgħa nformattiva dwar il-Proġett 'SUPPORT'.

8.5.18 Stedina minn-Valletta 18 sabiex artisti lokali jattendu għal sezzjoni informattiva dwar kif jistgħu jespandu l-krejattivita' u t-talenti tagħhom.

8.5.19 Irċevejna t-talba mill-Electrowaste Ltd, sabiex jitpoġġa bank ta' fejn ir-residenti jistgħu jiddisponu mill-ħwejjeġ użati tagħhom.

8.5.20 Emejl mil-Koordinatur ta' Stage Malta fejn qed jgħidulna jekk nikkunsidrawx li nużaw is-servizzi ta' studenti sabiex jaħdmu f'diversi oqsma bla ħlas. Dan jinkludi Administration, Multimedia, IT u Civil Engineering.

8.5.21 Korrispondenza mid-DLG dwar talba għall-Ġemellaġġ mal-Villaġġ ta' Coye-la-Foret fi Franza.

8.5.22 Korrispondenza mill-President tal-Ansek, Is Sur Paul Gatt dwar konferenzi nternazzjonali ta' interess għas-Segretarji, Kunsilliera u Sindki.

8.5.23 Emejl b'informazzjoni mingħand Raymond Zammit mill-LESA dwar it-talba u d-diversi 'reminders' tagħna sabiex immexxu fuq l-'speed camera'.

## 8.6 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is-Sindku rrimarka li l-hlasijiet ta' Emanuel Konti ghandhom ikunu seperati, dawk tat-tindif tal-Latrina li f' Gunju gie mqabbad wkoll inaddaf fil-jiem tal-festa u dawk li jkopru t-tisqija.

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-17.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 31 ta' Lulju 2017 fil-3.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Saviour Borg**
**Sindku**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**